



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.3.2008
KUMM(2008) 133 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT
EWROPEW U L-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Lejn aktar kontribuzzjoni min-naħa ta' l-istandardizzazzjoni għall-innovazzjoni fl-
Ewropa**

1. DAĦLA.

Fl-istrateġija ta' l-UE għat-Tkabbir u l-Impjiegi, il-Kummissjoni u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea identifikaw l-istandardizzazzjoni bħala għodda ċentrali għat-titjib sabiex tinkoraġġixxi l-innovazzjoni. Il-Kunsill tal-Kompetittività ta' l-4 ta' Diċembru 2006, waqt li fil-Konkluzjonijiet¹ tiegħu kien qed jindirizza s-suġġett ta' l-innovazzjoni, enfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sistema li tistabbilixxi l-istandards, u stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti ta' azzjoni li għandhom jittieħdu mill-partijiet interessati rilevanti sabiex jirrifurmaw u jissimplifikaw is-sistema. Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-istrateġija għall-innovazzjoni², enfasizza wkoll il-kontribuzzjoni ta' l-istandards għall-politika ta' l-innovazzjoni.

Din il-Komunikazzjoni, li qed twieġeb għall-istedina tal-Kunsill, tiffoka fuq kontribuzzjoni akbar min-naħa ta' l-istandardizzazzjoni għall-innovazzjoni u l-kompetittività. Il-Komunikazzjoni tidentifika l-aktar sfidi importanti li qed jiġu affaċċjati, tippreżenta objettivi konkreti għall-istandardizzazzjoni u l-użu ta' l-istandards, u ssaħħaħ l-isforzi kontinwi u l-miżuri proposti li jkunu se jitmiedu kemm mill-partijiet interessati rilevanti u kemm mill-Kummissjoni.

2. OBIETTIVI U SFIDI POLITIĊI.

Kif enfasizzat fid-dokumenti ta' politika preċedenti, partikolarment fil-Komunikazzjonijiet dwar strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa³ u dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika industrijali⁴, l-innovazzjoni hi ċentrali meta wieħed jiġi biex jindirizza l-isfidi ċentrali li taffaċċja l-Unjoni Ewropea. **Rwol aktar b'saħħtu għall-istandardizzazzjoni favur l-innovazzjoni hu importanti għall-isforz Ewropew biex jiġi indirizzati l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali.** Filwaqt li n-nuqqas ta' standards, l-integrazzjoni limitata ta' punti ġodda ta' standardizzazzjoni, jew l-aġġornament kajman ta' l-istandards diġà eżistenti, ifixxlu l-assorbiment ta' l-innovazzjoni, l-istandardizzazzjoni li hi vivaċi u b'saħħitha għandha s-setgħa li taċċelera l-aċċess għall-innovazzjoni kemm għas-swieq domestiċi kif ukoll għal dawg globali.

Il-mudelli ta' l-istandardizzazzjoni li bħalissa hemm fl-Ewropa u fil-livell internazzjonali qed iqumu dubji dwarhom minħabba ċerti sfidi bħalma huma ċ-ċikli aktar mgħaġġla tas-suq, il-konverġenza fit-teknoloġiji u t-tendenza lejn swieq globali. Dan jiġri fil-kuntest ta' kompetizzjoni internazzjonali dejjem akbar fl-istabbiliment ta' l-istandards minn poteri ġodda li jikkunsidraw l-istandardizzazzjoni bħala vantaġġ strateġiku importanti. **Għaldaqstant l-istandardizzazzjoni trid tadatta ruħha għal dan l-isfond differenti, filwaqt li jrid jissaħħaħ ir-rwol tagħha favur l-innovazzjoni u l-kompetittività.**

¹ http://www.eu2006.fi/news_and_documents/conclusions/vko50/en_GB/1165932111543/

² Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Mejju 2007 dwar it-tħaddim ta' l-għarfien fil-prattika: strateġija għall-innovazzjoni għall-UE msejsa fuq bażi wiesgħa.

³ COM(2006)502 finali "Putting knowledge into practice: A broad-based innovation strategy for the EU"

⁴ COM(2007)374, "Mid-term review of industrial policy. A contribution to the EU's Growth and Jobs Strategy"

3. IL-KONTRIBUZZJONI TA' L-ISTANDARDIZZAZZJONI LILL-INNOVAZZJONI U L-KOMPETITIVITÀ

L-istandardizzazzjoni hija kooperazzjoni volontarja bejn l-industrija, il-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħra għall-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi msejsa fuq konsensus. **L-istandardizzazzjoni tikkumplementa l-kompetizzjoni msejsa fuq is-suq**, primarjament biex jinkisbu l-oġettivi bħall-interoperabbiltà tal-prodotti/servizzi kumplimentari, u biex jintlaħaq qbil dwar metodi ta' ttestjar u dwar rekwiżiti għas-sikurezza, is-saħħa, u l-prestazzjoni organizzattiva u ambjentali. L-istandardizzazzjoni għandha wkoll dimensjoni ta' interess pubbliku, b'mod partikulari meta hemm fin-nofs kwistjonijiet ta' sikurezza, saħħa, sigurtà u dawk ambjentali. Barra minn hekk, il-proċess ta' stabbiliment ta' l-istandards jeħtieġ illi jkun konformi mad-dispożizzjonijiet Ewropej tal-kompetizzjoni.

L-istandardizzazzjoni, li normalment iġġib magħha prevedibbiltà u kundizzjonijiet indaqs, tista', b'mod intwittiv, tidher bħala li se tiġi f'kunflitt ma' l-innovazzjoni, li tħabrek għall-bidla u għall-esklusività. Madankollu, kif kien ikkonfermat mill-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, **l-istandardizzazzjoni dinamika hija fattur importanti li jinstiga l-innovazzjoni**. Dan jiġri b'modi differenti:

- (a) Standards li jesprimu l-istat l-aktar avvanzat jagħtu lill-innovaturi **kundizzjonijiet indaqs** b'mod li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà u l-kompetizzjoni bejn prodotti, servizzi u proċessi ġodda u oħrajn li diġà jeżistu. L-istandards jipprovdu lill-konsumaturi b'fiduċja fis-sikurezza u fil-prestazzjoni ta' prodotti ġodda u jippermettu d-differenzazzjoni ta' prodotti permezz ta' referenza għall-metodi standardizzati;
- (b) L-iżvilupp ta' standards ġodda hu wkoll meħtieġ biex **jakkumpanja l-ħolqien ta' swieq ġodda** u dik ta' sistemi kumplessi bħalma hi l-espansjoni ta' l-Internet;
- (c) **L-użu ta' l-istandards** jikkontribwixxi għat-tixrid ta' l-għarfien u għall-faċilitazzjoni ta' l-applikazzjoni tat-teknoloġija; dan imbagħad jista' jagħti bidu għall-innovazzjoni, b'mod partikolari l-innovazzjoni mhux teknoloġika fis-settur tas-servizzi.

Li l-Ewropa jkollha rwol qawwi fl-istandardizzazzjoni internazzjonali huwa wkoll opportunità għat-tmexxija Ewropea biex tinfiltra fi swieq ġodda u biex jittieħdu l-vantaġġi ta' min ikun ħa l-ewwel inizzjattiva fis-swieq globali.

Il-biċċa l-kbira tal-benefiċċji ta' standards għall-innovazzjoni jimmaterjalizzaw irwieħhom biss meta l-istandards jiġu implimentati b'mod effettiv u meta jkunu rilevanti għas-suq. **L-użu propju ta' l-istandards jibqa' volontarju**, skond il-perċezzjoni ta' l-atturi importanti tas-suq dwar l-interessi tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jużawhom. L-istandards jistgħu jonqsu milli jkunu rilevanti minħabba ż-żmien ħażin li fih ikunu ġew żviluppati jew minħabba n-nuqqas ta' viżibbiltà tagħhom, jew minħabba l-preżenza ta' standards li jkunu qed jikkompetu magħhom u li jnissu l-inċertezza.

Il-partijiet interessati Ewropej jinvolvu ruħhom fl-istandardizzazzjoni kemm formalment kif ukoll informalment. L-istandardizzazzjoni formali għandha struttura ta' tliet livelli li tinkludi l-korpi ta' l-istandardizzazzjoni nazzjonali (NSBs), it-tliet

Organizzazzjonijiet ta' l-Istandards Ewropej (ESOs⁵) u l-organizzazzjonijiet internazzjonali⁶. L-ESOs ġew rikonoxxuti formalment mill-UE fid-Direttiva 98/34/KE⁷. L-industrija tinvolve ruha wkoll fi standardizzazzjoni informali f'mijiet ta' fora u konsorzji, b'karatteristiċi differenti f'termini ta' lonġevità, kopertura settorjali, u ambitu territorjali, li normalment tkun globali u għaldaqstant tista' tiġi f'kunflitt ma' l-istruttura ta' 3 livelli ta' l-istandardizzazzjoni formali.

L-Unjoni Ewropea għandha politika ta' l-istandardizzazzjoni attiva li tippromwovi l-istandardizzazzjoni favur Regolamentazzjoni Aħjar⁸ u bħala għodda għall-kompetittività Ewropea. L-istandardizzazzjoni Ewropea formali kienet partikolarment importanti għall-appoġġ li tat lil-leġislazzjoni għal Approċċ Ġdid għas-Suq Uniku għall-oġġetti. Din it-teknika leġislattiva kienet strumentali biex tistabbilixxi regolament li jaġevola l-innovazzjoni, fejn speċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu konformità ma' rekwiżiti legali jiġu żviluppati mill-partijiet interessati stess u jiġu aġġornati skond l-istat l-aktar avvanzat. Is-serħan fuq l-istandards volontarji favur leġislazzjoni f'setturi oħrajn għandha tgħin biex jitneħħew ostakli regolatorji oħra għall-innovazzjoni.

Fis-settur tas-servizzi għad fadal numru limitat ta' standards li jirriżultaw l-aktar min-natura eteroġena u mhux tanġibbli tas-servizzi, kif ukoll mid-diffikultajiet ta' aċċess għall-SMEs, li huma l-atturi dominanti. Għalhekk, hemm bżonn li ssir aktar analiżi fil-mod ta' kif l-istandards jistgħu jikkontribwixxu għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp tas-swieq tas-servizzi.

4. IR-RWOL TA' L-ISTANDARDS FL-AZZJONIJIET BI PRIJORITÀ GĦALL-INNOVAZZJONI.

Għalkemm il-biċċa l-kbira ta' l-istandardizzazzjoni toħroġ fuq inizzjattiva ta' l-atturi tas-suq, l-UE tistenna li **l-istandardizzazzjoni tagħti kontribuzzjoni importanti lill-azzjonijiet bi priyorità għall-innovazzjoni li ġejjin:**

- (1) **Politika industrijali sostenibbli:** din għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u r-riżorsi tal-prodotti, il-proċessi u s-servizzi u l-kompetittività fl-industrija Ewropea. L-istandardizzazzjoni hija importanti biex tinstiga l-integrazzjoni ta' l-eko-innovazzjoni u t-teknoloġiji ambjentali u biex tiffaċilita t-tixrid tagħhom fis-Suq Uniku u l-aċċess tagħhom għas-swieq globali⁹. Barra minn hekk, punti ta' referenza ta' prestazzjoni avvanzata flimkien ma' użu aktar wiesa' ta' tikkettar se jkun meħtieġa biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-prestazzjoni tal-prodott u dawk li l-aktar li marru tajjeb jiġu ppremjati.

⁵ Is-CEN għall-parti l-kbira tas-setturi, is-CENELEC għaż-żona elettro-teknika, u l-ETSI fit-telekomunikazzjoni

⁶ L-IEC fiż-żona elettro-teknika, l-ITU fit-telekomunikazzjoni u l-ISO fil-parti l-kbira ta' l-oqsma l-oħra, imma wkoll l-International Civil Aviation Organisation, il-Codex Alimentarius, il-UN-CEFACT, eċċ

⁷ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37

⁸ COM(2004)674 dwar ir-rwol ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fil-qafas ta' politiki u leġislazzjonijiet Ewropej

⁹ COM(2004)38, li tintroduċi l-ETAP, il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għat-Teknoloġiji Ambjentali

Il-Kummissjoni għandha toħroġ talbiet għall-iżvilupp ta' l-istandards favur id-Direttiva 2005/32/KE dwar l-eko-disinn ta' Prodotti li jaħdmu bl-Enerġija (EuP – Energy-using Products)), il-kejl ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, l-introduzzjoni ta' enerġiji li jiġġeddu, it-titjib tal-ġestjoni ta' l-enerġija, u għanijiet oħra fir-rigward tal-Politika ta' l-Industrija Sostenibbli li ġejja u l-inizjattivi ta' Produzzjoni u Konsum Sostenibbli.

- (2) **Swieq pilota:** l-inizjattiva ta' suq pilota¹⁰ għandha l-għan li tħaffef il-ħolqien ta' żoni tas-suq innovattivi¹¹ permezz tal-koordinazzjoni mill-qrib ta' l-istrumenti tal-politika ta' l-innovazzjoni. L-istandardizzazzjoni hi waħda mill-elementi ċentrali għas-suċċess ta' din l-inizjattiva: mudell Ewropew biex jiġu żviluppati standards aċċettati globalment u approċċ antiċipatorju għandhom jiffaċilitaw it-tkabbir ta' dawn is-swieq kemm fl-Ewropa kif ukoll barra minnha. Biex titqies **id-dimensjoni taż-żmien kruċjali** f'dawn is-swieq, għandu jsir sforz partikolarment iffukat sabiex iħaffef l-istabbiliment ta' l-istandards biex jagħmel l-aċċettazzjoni internazzjonali possibbli.

Il-Kummissjoni għandha toħroġ talbiet għall-iżvilupp ta' l-istandards favur is-swieq pilota u għandha tikkunsidra, flimkien mal-partijiet interessati, liema tip ta' standard joqgħod l-aktar għall-ħtiġijiet f'termini tal-perspettiva taż-żmien u dik internazzjonali.

- (3) **L-akkwisti pubbliċi:** l-użu xieraq ta' l-istandards fl-akkwisti pubbliċi jista' jinkoraġġixxi l-innovazzjoni, filwaqt li jipprovdi lill-amministrazzjonijiet bl-għodda meħtieġa biex jaqdu dmirhom. Minflok ma jippreskrivi soluzzjonijiet tekniċi partikulari, l-użu ta' l-istandards newtri fil-konfront tat-teknoloġija jippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jirrikjedu rekwiżiti ta' prestazzjoni avvanzata u dawk ta' operat (eż. fir-rigward ta' aspetti ambjentali jew ta' aċċessibbiltà għal kulħadd), u b'hekk tiġi stimulata t-tiftixa għal teknoloġiji innovattivi li, meta wieħed iħares fit-tul, jipprovdu l-aktar valur għall-flus li jkun u ħarġu, filwaqt li tiġi żgurata s-sikurezza u l-interoperabbiltà.

Każ partikolarment rilevanti huwa tad-difiża, fejn aġenziji nazzjonali ħafna drabi jistrieħu fuq l-istandards nazzjonali diverġenti li jkun hemm, u li jillimitaw il-ftuħ tas-suq għall-innovazzjoni u jxekklu t-tifrix tiegħu. L-ippuljar ta' riżorsi ċivili u militari permezz ta' referenza għall-istandards għal użi varji u l-armonizzazzjoni ta' l-istandards għall-akkwisti tad-difiża għandu l-potenzjal li jtejjeb l-effiċjenza u jipprovdi aktar inċentivi għall-innovazzjoni.

– *Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-użu ta' linji ta' gwida u ta' prattika korretta¹² lil amministrazzjonijiet Ewropej f'kull livell sabiex issaħħaħ l-innovazzjoni permezz ta' l-akkwisti pubbliċi.*

¹⁰ COM (2007) 860 “A lead market initiative for Europe”

¹¹ Bħall-eHealth, il-kostruzzjoni sostenibbli, ir-riċiklaġġ u l-enerġiji li jiġġeddu.

¹² Ta' rilevanza partikolari huma SEC 2007 (280) Gwida dwar kif wieħed jimxi mas-soluzzjonijiet innovattivi fl-akkwisti pubbliċi, u n-networks kontinwi ta' Europa Innova: <http://www.europe-innova.org>

– *Flimkien ma' l-inizjattiva tas-Suq Ewropew għat-Tagħmir ta' Difiża, il-Kummissjoni talbet lis-CEN biex jiżviluppa Manwal Ewropew għall-Akkwisti tad-Difiża u għandha tinkoraġġixxi l-użu tiegħu mill-Istati Membri.*

- (4) **L-integrazzjoni ta' l-ICT fl-industrija u fl-amministrazzjonijiet:** il-potenzjal biex tittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' l-ekonomija Ewropea permezz ta' użu aktar effiċjenti u effettiv ta' l-għodda ta' l-ICT huwa importanti, u l-istandards huma essenzjali biex dan il-potenzjal jiġi realizzat. L-istandards huma wkoll instigaturi ċentrali għall-applikazzjonijiet ta' l-ICT tas-soċjetà, bħalma huma l-e-Identity, l-e-Health u r-RFID¹³.

Meta wieħed iqis l-istudju ppubblikat dan l-aħħar bl-isem “Studju dwar il-ħtiġijiet speċifiċi għall-politika ta' l-istandardizzazzjoni ta' l-ICT”¹⁴, is-suġġetti prinċipali għar-reviżjoni tal-politika ta' l-istandardizzazzjoni fil-qasam ta' l-ICT huma:

- (a) Integrazzjoni aħjar tal-korpi informali li jiżviluppaw l-istandards ta' l-ICT għas-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea sabiex il-politiki ta' l-ICT ta' l-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-għarfien espert ta' dawk il-fora u l-konsorzji
- (b) Il-ħolqien ta' pjattaforma għad-djalogu dwar il-politiki għall-partijiet interessati kollha ta' l-istandardizzazzjoni ta' l-ICT
- (c) Il-ħtieġa li jiġu indirizzati aspetti oħra bħalma huma l-ittestjar ta' l-interoperabbiltà, l-aċċess għall-istandards u kwistjonijiet dwar l-IPR, sabiex tkun tista' titħaffef l-integrazzjoni ta' l-istandards fis-soluzzjonijiet tas-suq.

Wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, fl-2008 il-Kummissjoni għandha tipprova tilħaq ftehim ġenerali dwar kif il-politika ta' l-istandardizzazzjoni dwar l-ICT se tiġi riveduta, segwit minn proposti ta' politiki, partikolarment fir-rigward tal-possibbiltà ta' reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KE dwar l-istandardizzazzjoni ta' l-ICT.

L-istandards għandhom ukoll jinstigaw l-innovazzjoni f' bosta oqsma li mhumiex inklużi hawn fuq, partikolarment fejn il-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni ġew identifikati fil-kuntest ta' Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija (ETPs) u Inizjattivi Konġunti tat-Teknoloġija (JTIs). Eżempji rilevanti huma *Space, Galileo, Fuel Cells and Hydrogen u Nanotechnologies*.

5. KIF INSAĦĦU L-KONTRIBUZZJONI TA' L-ISTANDARDIZZAZZJONI LILL-INNOVAZZJONI U L-KOMPETITTIVITÀ

Biex l-istandardizzazzjoni tirrealizza, b'mod sħiħ, il-benefiċċji potenzjali tagħha favur l-innovazzjoni, trid tadatta ruħha għall-ħtiġijiet ta' l-innovazzjoni u twieġeb għall-isfidi li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni, il-ħruġ ta' poteri ekonomiċi ġodda, u l-evoluzzjoni tat-teknoloġija. Ir-responsabbiltà għal titjib kontinwu ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea tinsab l-

¹³ Radio-Frequency Identification

¹⁴ http://ec.europa.eu/enterprise/ict/policy/standards/piper/full_report.pdf

aktar f'idejn il-partijiet interessati privati iżda, minħabba d-dimensjoni importanti tagħha ta' interess pubbliku, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ukoll għandhom rwol x'jaqdu.

Il-Kummissjoni identifikat id-disa' elementi ċentrali li ġejjin biex **tiffoka l-politika ta' l-istandardizzazzjoni ta' l-UE fuq l-innovazzjoni**:

- (1) Tasserixxi mill-ġdid l-impenn tagħha għal **standardizzazzjoni** mmexxija mis-suq u l-użu volontarju ta' l-istandards. Il-valur addizzjonali speċifiku ta' l-istandardizzazzjoni fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jinsab tabilħaqq fil-kooperazzjoni volontarja ta' l-atturi privati u pubbliċi.

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-industrija sabiex tistabbilixxi jew inkella tħaffef il-kooperazzjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu ta' l-istandards favur l-innovazzjoni u l-kompetittività.

- (2) Tirrikonoxxi **l-importanza kemm ta' l-istandards formali kif ukoll dawk informali** għall-innovazzjoni. Hu meħtieġ proċess formali ta' standardizzazzjoni li jirrispetta, b'mod sħiħ, il-prinċipji tal-ftuħ, l-inklussività, it-trasparenza u l-koerenza, u li jinżamm responsabbli għall-istabbiliment ta' konsensus bejn il-pożizzjonijiet nazzjonali u l-partijiet interessati kollha. Fl-istess waqt, standards oħrajn, żviluppati kemm fi ħdan l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti ta' l-istandards u kemm fi ħdan oħrajn, ħafna drabi huma aktar riċettivi għal teknoloġiji innovattivi, u għaldaqstant għandhom rwol importanti biex titħaffef l-aċċettazzjoni tagħhom fis-suq. Sabiex jittieħdu l-benefiċċji miż-żewġ tipi ta' standard, tinżamm il-koerenza tas-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea u jiġi ottimizzat l-impatt ta' l-esperti disponibbli, huwa importanti li tiġi ffaċilitata koordinazzjoni xierqa ta' attivitajiet bejn korpi formali u informali ta' l-istandards. F'dan ir-rigward, il-prattika ta' l-ETSI fil-livell Ewropew, u ta' l-ISO u l-IEC fil-livell internazzjonali, fl-involviment kollaborattiv ma' bosta fora informali ta' l-istandards jeħtieġ titqies bħala Prattika korretta.

- *Il-Kummissjoni tistieden lill-ESOs biex jiżviluppaw inqas punti formali ta' standardizzazzjoni meta jkun jixraq hekk għall-industrija u għall-ħtiġijiet ta' l-utent.*
- *Il-Kummissjoni tistieden lill-organizzazzjonijiet ta' l-istandards, kemm formali kif ukoll informali, biex isibu modi ta' kif jikkooperaw waqt l-ippjanar ta' l-attivitajiet u dwar kif jittrasferixxu l-istandards għall-aktar livell xieraq, internazzjonali jew Ewropew, meta jiġu biex jittrattaw mas-suq inkwistjoni.*

- (3) L-iffukar fuq **żvilupp ta' standards għas-suq globali**. L-industrija Ewropea teħtieġ standards li jippermettu l-aċċess għal swieq dejjem aktar globali. Konsegwentement, it-tfassil ta' l-istandards jersaq lejn il-livell internazzjonali, fejn ir-riskji ta' stabbiliment ta' standards f'kooperazzjoni ma' msieħba kummerċjali oħra huma ogħla minn qatt qabel. Din hi sfida strateġika li l-industrija trid tindirizza. Huwa importanti li l-industrija Ewropea tkun involuta mill-bidunett fl-istabbiliment ta' l-istandards għas-swieq globali. F'dan il-kuntest, **l-iffukar ta' l-ESOs u tal-Korpi Nazzjonali ta' l-Istandards (NSBs) għandu jkun dak li jiffaċilita kontribuzzjonijiet Ewropej għal xogħol ta' standardizzazzjoni internazzjonali**. Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali ta' l-istandards diġà jeżistu,

b'mod li hu possibbli għall-partijiet interessati li jiddeċiedu jekk huwiex il-livell Ewropew jew inkella dak internazzjonali li għandu jieħu t-tmexxija ta' l-iżvilupp ta' standards internazzjonali. Madankollu, il-ħruġ ta' poteri ekonomiċi ġodda li jistgħu jasserixxu, gradwalment, ir-rwol tagħhom fit-tfassil internazzjonali ta' l-istandards, u l-iskarsezza dejjem akbar ta' esperti Ewropej f'xi setturi industrijali, jesigū titjib kontinwu fl-effettività u l-effiċjenza ta' kontribuzzjonijiet Ewropej fil-livell internazzjonali.

L-istandards internazzjonali huma parti minn reġim regolatorju internazzjonali li qed jixref bħalissa u li hu bbażat fuq il-kooperazzjoni regolatorja, il-konverġenza ta' l-istandards u l-ekwivalenza tar-regoli. Dan l-approċċ, li qed jixref b'riżultat ta' diskussjoni settorjali bilaterali ma' pajjiżi terzi¹⁵, għandu jiġi żviluppakt aktar fl-interess reċiproku ta' l-UE u l-imsieħba tagħha, inkluż il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex hekk jiġi evitat ir-riskju ta' standards u regoli diverġenti li jispiċċaw ikunu ta' xkiel għat-tifrix ta' l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

- *Il-Kummissjoni għandha ssaħħa l-isforzi tagħha permezz tal-ftehimiet multilaterali u tad-djalogi bilaterali tal-kummerċ u dawk regolatorji sabiex tippromwovi mudelli regolatorji msejsa fuq id-dipendenza ta' standards volontarji, u biex issaħħa l-impenn ta' l-imsieħba tal-kummerċ għall-iżvilupp u l-użu ta' standards internazzjonali.*
- *Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-partijiet interessati ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea biex isahha l-involviment tagħhom fl-istandardizzazzjoni internazzjonali, biex jikkooperaw sabiex jiġu indirizzati l-attivitajiet u l-politiki ta' standardizzazzjoni ta' reġjuni rilevanti, u partikolarment biex isahha r-rwol ta' l-ESOs biex jikber l-impatt tas-sehem Ewropew fl-istandardizzazzjoni internazzjonali.*
- *Bi tkompli fuq l-esperjenza ta' suċċess li l-espert Ewropew ta' l-istandards kellu fiċ-Ċina, il-Kummissjoni inkoraġġiet lill-ESOs biex jagħmlu proposti biex tittejjeb il-viżibbiltà ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fi swieq strateġiċi oħra, u biex jikkooperaw bl-idea li jfasslu proċeduri għal skambji proattivi ta' informazzjoni dwar l-istandardizzazzjoni ma' reġjuni rilevanti.*

- (4) Tiffaċilita **l-inklużjoni ta' għarfien ġdid fl-istandards**, partikolarment minn programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni b'fondi pubbliċi, inkluż il-Programm ta' Qafas Komunitarju għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (l-RTD¹⁶) u l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (is-CIP). Filwaqt li proporzjon limitat biss ta' proġetti ta' Riċerka u Żvilupp jagħtu riżultati ta' interess għall-istandardizzazzjoni, l-identifikazzjoni sistematika tagħhom u l-faċilitazzjoni ta' skambji mal-korpi ta' l-istandards xierqa għandhom il-potenzjal li jħaffu l-applikazzjoni ta' għarfien ġdid fl-ambjent industrijali u kummerċjali.

Iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta (il-JRC) diġà jmexxi riċerka ko- u pre-normattiva f'bosta oqsma inkluż f'dak tal-kostruzzjoni, ix-xjenzi dwar il-ħajja, u teknoloġiji marbuta mal-bijoloġija u l-ambjent. Dawn l-attivitajiet

¹⁵ COM (2007)581 “The European Interest : succeeding in the age of globalisation”

¹⁶ RTD: Research and Technological Development

ippermettew l-iżvilupp ta' l-istandards rilevanti, inklużi l-istandards ta' kejl, u ta' prodotti u servizzi innovattivi. Huwa importanti li dan l-isforz jibqa' u li jissaħħaħ.

L-istabbiliment ta' metroloġija Ewropea b'saħħitha bi standards komuni għall-kejl u l-ittestjar huwa qasam fejn hemm bżonn tal-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri u tal-Komunità . F'dan ir-rigward, it-twaqqif, fl-2007, ta' l-assoċjazzjoni ta' l-istituti nazzjonali tal-metroloġija (Euramet e.V.), u tal-Programm Ewropew għar-Riċerka tal-Metroloġija, bħala inizjattiva potenzjali ta' l-artikolu tal-KE 169 fi ħdan is-Seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka, jindika żewġ kisbiet importanti kbar.

- *Il-miżuri li għandhom jiġu evalwati minn awtoritajiet pubbliċi tar-riċerka u l-innovazzjoni jinkludu:*
 - *l-introduzzjoni ta' inċentivi konkreti għall-konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni fil-pjanijiet ta' attività ta' l-istituzzjonijiet ta' riċerka pubblika u ta' proġetti ta' l-RTD u ta' l-innovazzjoni ffinanzjati b'mod konġunt.*
 - *l-ġħoti ta' taħriġ fl-standards għall-evalwaturi u maniġers ta' programmi ta' l-RTD u ta' l-innovazzjoni*
 - *azzjoni sistematika li torbot il-proġetti ta' riċerka li huma rilevanti għall-istandardizzazzjoni mal-komunità ta' l-istandardizzazzjoni, partikolarment f'dawk l-oqsma ta' prijorità li ġew identifikati għas-swieq pilota, l-Inizjattivi ta' Teknoloġija Konġunta (JTIs) u l-Pjattaforma tat-Teknoloġija (ETPs)*
- *Organizzazzjonijiet ta' l-standards huma inkoraġġuti li jiffaċilitaw l-aċċess tal-komunità tar-riċerka għall-standards ippubblikati.*
- *L-ESOs huma mistiedna jiżviluppaw proposta konġunta biex jistabbilixxu attivitajiet u helpdesks li jissorveljaw it-teknoloġija u li jiffukaw fuq il-faċilitazzjoni tat-trasferiment tar-riżultati tal-programmi ta' qafas ta' l-RTD u tas-CIP għall-istandardizzazzjoni. Il-Kummissjoni hi lesta li tikkunsidra appoġġ finanzjarju għal proposta bħal din.*

- (5) Tiffaċilita l-aċċess għall-istandardizzazzjoni tal-partijiet interessati kollha **interessati, partikolarment l-SMEs**, imma anki ta' l-utenti/konsumaturi u r-riċerkaturi. L-istandardizzazzjoni hija għodda b'saħħitha għat-tixrid ta' l-istat l-aktar avvanzat lill-SMEs u, permezz tal-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, tiffaċilita l-integrazzjoni ta' l-innovazzjoni mis-suq. Madankollu, dan il-potenzjal ħafna drabi ma jiġix realizzat minħabba ostakli bħalma huma l-kumplessità tal-lingwaġġ ta' l-istandards, iż-żmien meħtieġ għall-parteċipazzjoni fit-tfassil ta' l-istandards, u l-ispiża tad-deliverables.

L-UE tappoġġja r-rappreżentanza ta' l-SMEs fit-tfassil ta' l-istandards fil-livell Ewropew. Barra minn hekk, l-iskemi ta' finanzjament 'Riċerka għall-SMEs' u 'Riċerka għall-assoċjazzjonijiet ta' l-SME' tas-Seba' Programm ta' Qafas Komunitarju ta' l-RTD (2007-2013), kif ukoll bosta mekkaniżmi żviluppanti fi ħdan il-Politika ta' Koeżjoni ta' l-UE, jagħmluha possibbli għall-SMEs u l-assoċjazzjonijiet tagħhom li jagħtu kontribut fil-proċess ta' l-

istandardizzazzjoni, imma wkoll li jassistu lill-SMEs biex jikkonformaw ma' l-istandards il-ġodda. Hemm proposti dawn il-miżuri:

- *Il-Kummissjoni għandha żżid, b'mod sostanzjali, l-appoġġ finanzjarju tagħha lill-koordinazzjoni Ewropea tar-rappreżentanza ta' l-SMEs fl-istandardizzazzjoni. Fi ħdan il-proposta li hemm ipplanata għall-Att dwar in-Negożji ż-Żgħir, il-Kummissjoni għandha tintroduċi dispożizzjonijiet biex tikkonsolida l-impenn ta' l-Istati Membri biex jinkludu l-SMEs fl-istandardizzazzjoni fil-livell nazzjonali, li hi l-iktar kuntest aċċessibbli għall-biċċa l-kbira ta' l-SMEs.*
- *Il-Kummissjoni tistieden lill-korpi ta' l-istandardizzazzjoni biex jirrikonoxxu, b'mod sħiħ, l-implikazzjonijiet tal-prinċipju ta' 'l-ewwel aħseb fiż-żgħir' ('think small first'), partikolarment fir-rigward ta' kif il-proċess ta' standardizzazzjoni jista' jiġi rivedut sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni u l-bilanċ bejn l-ispiża u l-benefiċċju tal-parteċipazzjoni għall-SMEs u l-utenti. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-ESOs biex ikollhom rappreżentazzjoni ġusta u bilanċjata tal-partijiet interessati kollha ta' l-istandardizzazzjoni.*
- *Fuq il-bażi ta' l-assoċjazzjonijiet u l-korpi nazzjonali li diġà hemm jirrappreżentawhom, l-SMEs jeħtiġilhom jorganizzaw ruħhom aħjar biex jiddefendu l-interessi tagħhom fil-proċess ta' standardizzazzjoni, bl-appoġġ istituzzjonali u finanzjarju ta' l-awtoritajiet pubbliċi.*

Fir-rigward ta' l-aċċess għall-standards, l-ispiża ta' standards marbuta max-xiri qiegħda tissemma dejjem iżjed bħala kwistjoni mill-SMEs u partijiet interessati oħra. Xi organizzazzjonijiet ta' l-istandards, bħalma huma l-ETSI u l-ITU għad-deliverables kollha tagħhom, u s-CEN u s-CENELEC għal uħud minnhom, iddeċidew li jippubblikaw l-istandards tagħhom b'xejn, u hemm evidenza li din id-deċiżjoni immultiplikata it-tixrid tagħhom. Kwistjonijiet oħra huma marbuta man-nuqqas ta' standards fil-lingwi nazzjonali, in-numru eċċessiv ta' referenzi bejn l-istandards, u d-diffikultà fl-identifikazzjoni ta' grupp ta' standards rilevanti għal xi prodott jew proċess.

- *Il-Kummissjoni tistieden lill-organizzazzjonijiet ta' l-istandards biex sistematikament jippubblikaw taqsiriet ta' l-Istandards Ewropej mingħajr restrizzjonijiet għall-aċċess.*
- *Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tagħmel studju fuq l-aċċess għall-istandardizzazzjoni Ewropea. Il-korpi ta' l-standards Ewropej u daww nazzjonali huma mistiedna jindirizzaw bħala prijorità il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-istandardizzazzjoni u biex jerġgħu jikkunsidraw, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri u mal-Kummissjoni, il-mudell ta' negożju tagħhom sabiex tonqos l-ispiża ta' aċċess għall-istandards bl-għan finali jkun dak li jkun ipprovdut aċċess b'xejn għall-istandards żviluppati favur il-leġiżlazzjoni u l-politika Ewropea.*

- (6) Il-politika ta' l-UE jenħtieġ tindirizza aħjar daww l-ostakli li jxekklu **l-implimentazzjoni u l-użu effettiv ta' l-istandards**, bħan-nuqqas ta' viżibbiltà, il-komplessità tagħhom, l-inċertezza dwar il-konformità għall-istandard jew l-eżistenza ta' l-istandards f'kompetizzjoni ma' standards oħra.

Il-Kummissjoni għandha ssaħħa l-appoġġ tagħha għall-koordinazzjoni ta' l-integrazzjoni ta' standards fi prodotti u prattiki ta' negozju innovattivi permezz tan-nets ta' standardizzazzjoni tal-Europe Innova.

- (7) Kemm id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPRs) u kemm l-istandardizzazzjoni jinkoraġġixxu l-innovazzjoni u jiffaċilitaw it-tixrid tat-teknoloġija. Madankollu, filwaqt li jikkontribwixxu għal dawn l-oġġetti komuni b'mezzi differenti, jenħtieġ tingħata l-attenzjoni mistħoqqa lill-interrelazzjoni bejn l-IPR u l-istandardizzazzjoni.

Il-Kummissjoni tappoġġja l-idea li l-istandards għandhom ikun miftuħa għall-aċċess u għall-implimentazzjoni minn kulħadd, bl-IPRs rilevanti għall-istandard kkunsidrati fil-proċess ta' standardizzazzjoni, bl-għan li tistabbilixxi bilanċ bejn l-interessi ta' l-utenti ta' l-istandards u d-drittijiet tas-sidien tal-proprjetà intellettuali. Fil-Linji ta' Gwida għall-kooperazzjoni¹⁷ bejn il-KE u l-EFTA u l-ESOs, l-ESOs ikkommettew ruħhom li jiżguraw li l-istandards, inkluż xi IPRs li jista' jkollhom, ikunu jistgħu jintużaw mill-operaturi tas-suq b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u li ma jiddiskriminawx (FRAND - *fair, reasonable and non-discriminatory conditions*). Madankollu, partijiet interessati ta' l-istandardizzazzjoni, inklużi awtoritajiet pubbliċi, ġew ikkonfrontati bi kwistjonijiet imqajma mill-interazzjoni bejn l-IPRs u l-standards, partikolarment fil-qasam ta' l-ICT.

- *Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-ESOs biex ikompli bl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-politika tal-FRAND effettiva u biex jiżviluppaw mekkaniżmi biex jevitaw abbużi mill-proċess ta' l-istabbiliment ta' l-standards.*
- *Il-Kummissjoni għandha tniedi studju li jgħarrex għall-fatti sabiex tanalizza l-interazzjoni bejn l-IPR u l-istandards.*

- (8) Sistema soda ta' standards Ewropea għandha funzjoni ċentrali għall-industrija, il-gvernijiet u ċ-ċittadini Ewropej. **L-ESOs huma l-bażi ta' l-istandardizzazzjoni fl-Ewropa u l-proċessi kontinwi tagħhom ta' riforma** jistħoqqilhom attenzjoni speċjali. L-ETSI għadha timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp tar-Reviżjoni fil-Livell Għoli tagħha ta' l-2004, is-CEN u s-CENELEC issa qed jibdew jimplimentaw l-ewwel rakkomandazzjonijiet ta' l-eżerċizzju tal-FLES (*Future Landscape of European Standardisation*). Dawn l-inizjattivi qed isiru fil-ħin propizju. L-ESOs u l-membri tagħhom naturalment huma responsabbli milli jindirizzaw il-parti l-kbira tal-punti mniżżla hawn fuq fil-proċessi tagħhom ta' riforma.

¹⁷

Linji ta' Gwida ġenerali għall-kooperazzjoni bejn is-CEN, is-CENELEC u l-ETSI u l-Kummissjoni Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles, iffirmati fit-28 ta' Marzu 2003. ĠU C 91, 16/04/2003, p. 7

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-ESOs li jkomplu bl-isforzi tagħhom għar-riforma u li jkunu ambizzjużi fihom, partikolarment biex jindirizzaw il-punti li ġejjin:

- (a) Fejn hu l-każ, l-involvement tal-partijiet interessati fit-tmexxija ta' l-istandardizzazzjoni formali fil-livell Ewropew għandha tittejjeb.*
- (b) Il-proċeduri użati bħalissa għall-iżvilupp ta' l-istandards jeħtieġ jiġu riveduti sabiex jiġi jgħaffef aktar il-proċess ta' l-istabbiliment ta' l-istandards, sabiex jiġi żgurat it-tweġġ pro-attiv, u bbażat fuq il-ħtiġijiet ta' l-industrija u ta' l-utenti, tal-prijoritajiet f'suġġetti li għandhom jiġu indirizzati, u sabiex jiġi identifikat it-tip ta' deliverables li għandhom jiġu żviluppati. Il-Kummissjoni tistieden lill-ESOs u l-NSBs biex sistematikament jagħtu prijetà lil-livell Ewropew għal attivitajiet ġodda ta' standardizzazzjoni, u hekk jiġi evitat dewmien potenzjali kkawżat minn xogħol ta' thejġija fil-livell nazzjonali.*
- (c) Il-konverġenza tat-teknoloġiji, u l-applikazzjoni ta' l-ICT lill-bosta oqsma tekniċi oħra jagħmel neċessarja l-kooperazzjoni bejn korpi ta' standards li l-kompetenzi tagħhom, tradizzjonalment, kienu mqassma f'teknoloġiji elettrotekniċi, tat-telekomunikazzjoni u oħrajn. Il-Kummissjoni tistieden lill-ESOs biex iwaqqfu strutturi operazzjonali komuni, bħalma huma korpi tekniċi konġunti, għal standardizzazzjoni f'dawk l-oqsma fejn hemm teknoloġiji komuni.*
- (d) L-identità Ewropea u l-viżibbiltà ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea, kemm ġewwa l-Ewropa kif ukoll fid-dinja, jeħtieġ jissaħħu.*
- (e) Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha ssegwi u tinkoraġġixxi l-proċess ta' riforma ta' l-ESOs fil-qafas tad-djalogu kontinwu tagħha ma' l-ESOs u l-partijiet interessati tagħhom.*

- (9) L-iffukar ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea jrid jinbidel skond il-bidla fil-ħtiġijiet ta' l-ekonomija u s-soċjetà Ewropej, u skond il-bidliet drammatiċi fl-ambjent tal-politika u l-ekonomija internazzjonali. Filwaqt li l-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha ta' l-istandardizzazzjoni biex jikkoperaw fl-implimentazzjoni tal-miżuri proposti f'din il-Komunikazzjoni, l-isfidi attwali u dawk tal-ġejjieni jirrikjedu riflessjoni fil-fond dwar l-ambitu u r-rwol ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fil-kuntest globali li qed jixref, inkluż il-possibbiltà ta' bżonn li tiġi aġġornata l-bażi legali tagħha preżenti.

Il-Kummissjoni għandha twaqqaf grupp ta' livell għoli ta' esperti biex jidentifikaw l-ambitu u r-rwol futuri ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea u biex jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet strateġiċi għall-għaxar snin li ġejjin.

6. KONKLUŻJONI U SEGWITU

Il-Kummissjoni tistenna li l-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni, l-industrija u l-partijiet interessati kollha ta' l-istandardizzazzjoni jikkunsidraw il-miżuri msemmija f'din il-Kommunikazzjoni. Fil-kuntest ta' inizjattivi u djalogi rilevanti ta' l-UE, il-Kummissjoni għandha tiddiskuti ma' l-Istati Membri, l-industrija, il-korpi ta' l-istandards u partijiet interessati rilevanti oħra dwar l-aħjar mod ta' kif jinkisbu l-oġettivi mniżżla f'din il-Komunikazzjoni. Fuq il-bażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Istandardizzazzjoni Ewropea¹⁸, li qed iseħħ pass pass, għandu jiġi aġġornat.

¹⁸ http://ec.europa.eu/enterprise/standards_policy/mandates/index.htm

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew “Lejn aktar kontribuzzjoni min-naħa ta’ l-istandardizzazzjoni għall-innovazzjoni fl-Ewropa”

2. IL-QAFAS ABM / ABB

2.1 Suq intern għall-prodotti u politiki settorjali

2.2 Kompetittività, politika industrijali, innovazzjoni u intraprenditorija

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji baġitarji (linji operattivi u linji għall-ghajjnuna teknika u amministrattiva relatati (ex- linji B..A) inkluż l-intestaturi:

- a) 02.03.04 Standardizzazzjoni
- 02.01.04.02 Standardizzazzjoni, Infiq fuq ġestjoni amministrattiva
- b) 02.02.01 CIP (ENTR)

3.2. Tul ta’ l-azzjoni u ta’ l-impatt finanzjarju:

Permanenti / ebda impatt finanzjarju (mhi meħtieġa ebda żieda fir-riżorsi tal-baġit)

3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Linja tal-baġit	Tip ta’ nefqa		Ġdida	Kontribut mill-EFTA	Kontributi mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
020304	Mhux Obblig.	Diff ^{19/20}	LE	LE	LE	Nru 1a
020201	Mhux Obblig.	Diff/	LE	IVA	IVA	Nru 1a
02010402	Mhux Obblig.	Mhux Diff.	LE	LE	LE	Nru 1a

¹⁹ Appropjazzjonijiet differenzjati

²⁰ Minn issa ’l quddiem l-appropjazzjonijiet mhux differenzjati se jissejħu NDA

4. TAQSIRA TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. *Taqsira ta' l-appropriazzjonijiet ta' impenn (AI) u l-appropriazzjonijiet ta' ħlas (AH)*
(L-azzjonijiet previsti mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni se jkunu koperti mill-programmi eżistenti u mhi prevista ebda varjazzjoni fil-ħtiġijiet baġitarji minħabba l-introduzzjoni tal-miżuri proposti)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' nefqa	Nru. tat-taqsima		2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara	Total
---------------	------------------	--	------	------	------	------	------	-------------	-------

Nefqa operattiva (020304 u 020201)

AI 020201			1.0	2.65	2.65	2.65	2.65	2.65	
Appropriazzjonijiet ta' Impenn (AI) 020304	8.1.	a	18.5	20.5	23.00	24.00	24.5	24.5	
AH 020201			1.0	2.65	2.65	2.65	2.65	2.65	
Appropriazzjonijiet ta' Ħlas (AH) 020304		b	20.4	20.5	23.00	24.00	24.5	24.5	

Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza²¹ (02010402)

Għajjnuna teknika u amministrattiva (NDA)020304	8.2.4.	c	0.3	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	
---	--------	---	-----	-----	-----	-----	-----	-----	--

AMMONT TA' REFERENZA TOTALI

Appropriazzjonijiet ta' Impenn		a+c	19.8	23.65	26.15	27.15	27.65	27.65	
Appropriazzjonijiet ta' Ħlas		b+c	21.7	23.65	26.15	27.15	27.65	27.65	

Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza²²

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	d	m.a.						
Spejjeż amministrattivi, għajr għal riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	m.a.						

²¹ Nefqa skond l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

²² Nefqa skond il-kapitolu xx 01 minbarra l-artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Spiża finanzjarja indikattiva totali ta' l-intervenzjoni

AI TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c +d+ e	19.8	23.65	26.15	27.15	27.65	27.65	
AH TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c +d+ e	21.7	23.65	26.15	27.15	27.65	27.65	

4.1.2. Kompatibbiltà mal-Programmar Finanzjarju

- ☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-programmar finanzjarju eżistenti.

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarju fuq id-dħul

4.2. Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċjali, persunal temporanju u dak estern) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
Għadd totali ta' riżorsi umani	m.a.					

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq ir-riżorsi umani

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

5.1. Ħtieġa li se tiġi sodisfatta f'terminu ta' żmien qasir jew twil

Il-Komunikazzjoni tħabbar għadd ta' azzjonijiet li għalihom se jkun meħtieġ finanzjament mill-baġit Komunitarju:

a) l-azzjonijiet għandhom jiġu finanzjati mil-linji baġitarji 020304 "Standardizzazzjoni" u 02010402 "Standardizzazzjoni, Infiq fuq ġestjoni amministrattiva" :

* twaqqif u implimentazzjoni ta' programmi ta' standardizzazzjoni b'appoġġ għall-politika industrijali sostenibbli u s-swieq ewlenin (bini sostenibbli, saħħa elettronika, tessuti protettivi, prodotti b'bażi bijoloġika, riċiklaġġ, enerġija li tiġġedded, eċċ.)

* it-tisħiħ tal-viżibilità ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea, partikolarment fi swieq ta' importanza strateġika

* it-twaqqif mill-organizzazzjonijiet Ewropej ta' standardizzazzjoni ta' attivitajiet ta' sorveljanza tat-teknoloġija u helpdesk

b) azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mil-linja baġitarja 020201 - CIP (ENTR) : żieda fl-appoġġ finanzjarju lill-koordinazzjoni Ewropea tar-rappreżentanti ta' l-SMEs fl-istandardizzazzjoni. Ammont ta' miljun euro ġie allokat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Diċembru 2007 biex jiġi stabbilit il-Programm ta' Ħidma għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni għall-2008. Għas-snin sussegwenti, dan l-ammont se jeħtieġ jizjed sa 2.65 miljuni kull sena (ammont indikattiv).

L-azzjonijiet imsemmija qabel f'(a) u b)] se jiġu ffinanzjati fuq il-bażi ta' allokazżjoni mill-ġdid tal-kreditu fil-linji baġitarji msemmija qabel mingħajr bidla fil-programmar finanzjarju multi-annwali eżistenti.

5.2. Valur miżjud ta' l-involvement Komunitarju u koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u sinerġija possibbli

Il-ko-finanzjament Komunitarju se jippermetti lill-entitajiet ta' standardizzazzjoni li jistabbilixxu l-istandards Ewropej fiż-żmien meħtieġ.

Il-ko-finanzjament ta' attività ta' sorveljanza tat-teknoloġija u ħolqien ta' helpdesk se jippermetti t-twaqqif u l-manutenzjoni ta' infrastruttura Ewropea tas-sorveljanza tat-teknoloġija disponibbli għall-istandardizzazzjoni u jkattar l-assorbiment tar-riżultati tar-riċerka mill-istandardizzazzjoni.

Iż-żieda fl-appoġġ finanzjarju għar-rappreżentazzjoni ta' l-SMEs għandha ttejjeb l-aċċess ta' l-SMEs Ewropej għall-attivitajiet Ewropej u internazzjonali ta' standardizzazzjoni u għalhekk ikun hemm sinerġiji b'riżultat ta' l-involvement ta' l-intermedjari ta' l-SMEs fil-livell nazzjonali.

5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

L-azzjonijiet imsemmija qabel se jkollhom l-għan li jippromwovu t-twaqqif u l-użu mill-partijiet interessati ta' standards internazzjonali u Ewropej fl-oqsma ewlenin għall-innovazzjoni. L-involvement f'waqt ta' partijiet interessati Ewropej, inklużi l-SMEs, u l-kontribut tagħhom, għandu jtejjeb il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea. L-indikaturi: l-eżekuzzjoni ta' programmi rilevanti ta' standardizzazzjoni; il-pubblikazzjoni ta' standards; l-assorbiment ta' suġġetti ġodda fl-istandardizzazzjoni filwaqt li jitqiesu r-riżultati tar-riċerka.

5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

☒ *Tmexxija Ċentralizzata*

☒ direttament mill-Kummissjoni

6. IS-SORVELJANZA U L-VALUTAZZJONI

6.1. Sistema ta' sorveljanza

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

Għandhom isiru evalwazzjonijiet ex-ante ta' l-attivitajiet iffinanzjati skond ir-regoli finanzjarji għal kull azzjoni.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat)

Mhux applikabbli

6.2.3. Termini u frekwenza ta' l-evalwazzjonijiet futuri

Kull 5 snin skond l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-24.10.2006

7. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Applikazzjoni tad-Deċiżjoni 1673/2006/KE, l-Artikolu 7

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

m.a.

8.2. Nefqa Amministrattiva

8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Persunal li għandu jiġi assenjat bit-tmexxija ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (għadd ta' karigi/FTEs)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew persunal temporanju ²³ (XX 01 01)	A*/AD	m.a.					
	B*, C*/AST	m.a.					
Persunal iffinanzjat ²⁴ mill-art. XX 01 02		m.a.					
Persunal iffinanzjat ieħor ²⁵ mill-art. XX 01 04/05		m.a.					
TOTAL							

8.2.2. Deskrizzjoni ta' ħidmiet li jirriżultaw mill-azzjoni

m.a.

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

8.2.4. Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq tmexxija amministrattiva)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013 u wara	TOTAL
1 Ghajjnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati tal-persunal)							
Aġenziji eżekuttivi ²⁶							
Ghajjnuna teknika u amministrattiva oħra	0.3	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	
- intra muros							
- extra muros							
Ghajjnuna teknika u amministrattiva totali							

²³ L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

²⁴ L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

²⁵ L-ispiża tiegħu hija inkluża fl-ammont ta' referenza

²⁶ Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni leġislattiva finanzjarja speċifika għall-Aġenzija(Aġenziji) Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

8.2.5. *L-ispejjeż finanzjarji tar-riżorsi umani u spejjeż finanzjarji relatati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	m.a.					
Persunal iffinanzjat mill-Art. XX 01 02 (awżiljarju, esperti nazzjonali ssekondati, persunal bil-kuntratt, eċċ) (indika l-linja tal-baġit)	m.a.					
Spiża totali ta' Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' referenza)	m.a.					

Kalkolu – *Uffiċjali u Aġenti Temporanji*

m.a.

Kalkolu - Persunal iffinanzjat taħt l-art. XX 01 02

m.a.

8.2.6. Nefqa oħra amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	m.a.						
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi	m.a.						
XX 01 02 11 03 – Kumitati ²⁷	m.a.						
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet	m.a.						
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' tagħrif	m.a.						
2 Total ta' Nefqa ta' Tmexxija Oħra (XX 01 02 11)	m.a.						
3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika u inkludi referenza għal-linja tal-baġit)	m.a.						
Nefqa Amministrattivi Totali, għajr għal riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	m.a.						

Kalkolu – *Infiq ieħor amministrattiv li mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

²⁷ Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.